**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tnejn, 5 ta' Ottubru, 2015**

Numru 10

**Citazzjoni Nru. 291/1998**

**Improved Design Limited**

**vs**

**Dr. Michael Gialanze u**
**b'digriet tal-11 ta' Dicembru 2012**
**l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem Rita Gillian Gialanze**
**bhala l-unika eredi ta' decujus konvenut**
**Dr. Michael Gialanze li miet fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta attrici tat-12 ta' Frar 1998 li tghid hekk:

Peress illi l-konvenut jinsab debitrici tas-socjeta attrici fis-sornma ta' hamest elef, tmien mija u tnejn u tletin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm5,832.13), rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' xogholijiet ezegwiti fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-istess konvenut fil-hanut bl-isem "Christian Jewellery", fil-Westin Dragonara Resort Hotel, San Giljan.

U peress illi nonostante interpellat sabiex ihallas dan l-ammont dovut minnu, il-konvenut baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Ghaldaqstant, ighid il-konvenut il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1 tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hamest elef, tmien rnija u tnejn u tletin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm5,832.13), rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' xogholijiet ezegwiti fuq l-inkarigu u ghab-

beneficcju tal-istess konvenut fil-hanut bl-isem “Christian Jewellery", Westin Dragonara Resort Hotel, San Giljan.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Lulju 1997 u tal-Mandati kawtelatorji ta' Sekwestru u ta' Qbid ipprezentati kontestwalment, u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli b’effett mid-data illi fih gew kompletati x-xogholijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut, minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut tghid hekk:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi s-servizz ipprovdut mis-socjeta attrici ma kienx tal-kwalita pattwit bejn il-partijiet, lanqas ma kien skond l-arti u s-sengha, inoltre sar xi xoghol li lanqas ma kien ordnat mill-konvenut, u l-prezzijiet mitluba mis-socjeta attrici huma ezagerati. Ghalhekk l-agir tas-socjeta attrici ikkawza danni lill-konvenut, li ghalihom qieghda tinzamm responsabbli s-socjeta attrici.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

3. Illi l-eccipjenti qieghed jipprevalixxi ruhu mit-talbiet attrici sabiex jipprezenta t-talba rikonvenzjonali tieghu.

Rat il-kontrotalba tal-konvenut li tghid hekk:

Peress illi s-socjeta attrici kellha appalt biex tesegwixxi xogholijiet fil-fond imsemmi fic-citazzjoni u fi flats ohra tal-konvenut, u ghalkemm il-konvenut hallas is-somma ta' circa Lm6,400 akkont tax-xogholijiet, is-socjeta attrici baqghet qatt ma bghatet statement dwar ix-xogholijiet kollha, izda bghatet biss statement dwar ix-xogholijiet li jikkoncernaw 'Christian Jewellery' fil-Westin Dragonara Resort Hotel.

Peress illi x-xogholijiet effettwati mis-socjeta attrici ma kienx tal-kwalita pattwit bejn il-partijiet, u skond l-arti u s-sengha, u di fatti kellhom jitqabbdu haddiema ohra sabiex jirrancaw ix-xoghol hazin li sar mis-socjeta attrici u sabiex jikkompletaw ix-xogholijiet lis-socjeta attrici naqset illi tikkompleta.

Peress illi s-socjeta attrici ghamlet xogholijiet zejda minn dawk miftehma u ghalkemm il-konvenut gibdilhom l-attenzjoni ghal dan il-fatt u ordnalhom biex jieqfu, is-socjeta attrici baqghat sejra b'xi xogholijiet mhux awtorizzati, oltre l-fatt illi s-socjeta attrici qieghda tippretendi prezzijiet ezagerati.

Peress illi minhabba n-nuqqasijiet imsemmija da parte tas-socjeta attrici parti mill-hanut tal-konvenut infetah xahar tard u fil-fratemp baqghu ghaddejjin ix-xogholijiet fil-bqija tal-hanut li eventwalment infetah, kompletat, tlett xhur tard, liema xogholijiet kellhom jigu effettwati minn George Incorvaja, li gie mqabbad mill-konvenut sabiex jikkompleta/jirranga n-nuqqasijiet tas-socjeta attrici.

Peress illi inoltre s-socjeta attrici ma kkompletatx ix-xogholijiet fil-flats tal-konvenut u di fatti l-esponenti kellu jqabbad persuna ohra, Ronald Cachia, sabiex jikkompleta dawn ix-xogholijiet, u ta' dawn ix-xogholijiet il-konvenut hallas circa Lm1,050.

Peress illi b'rizultat tal-agir taghha, is-socjeta attrici kkawzat danni u qieghda tikkawza danni lill-konvenut.

Tghid ghalhekk is-socjeta attrici ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex; (1) tiddikjara lis-socjeta attrici kienet inadempjenti fl-esekuzzjoni tal-appalt li nghata liha mill-konvenut u dan stante li ma spiccatux fil-hin u di piu x-xoghol sar hazin u mhux skond l-arti u s-sengha u (2) konsegwentement hija unikament responsabbli ghad-danni konsegwenzjali li sofra l-konvenut u li qieghed isofri minhabba l-agir tas-socjeta attrici, (3) tillikwida dawn id-danni sofferti u li qieghed isofri l-konvenut okkorrendo bl-opera tal periti nominandi, (4) tikkundanna lis-socjeta attrici thallas lill-konvenut, in linea tad-danni, is-somma hekk likwidata minn dina l-Qorti kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsulti ammontanti ghal Lm10 kontra s-socjeta attrici, li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta attrici li tghid hekk:

1. Illi, in linea preliminari, l-azzjoni tentata mill-konvenut fil-kontrotalba odjerna, ghall-hlas tad-danni pretizi minnhu, hija preksritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

2. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni fuq sollevata, il-kontrotalba proposta mill-konvenut hija insostenibbli billi tirrigwarda wkoll xogholijiet jew appalti, distinti minn dawk formanti l-meritu tal-azzjoni istitwita mis-socjeta attrici, u ghal liema xogholijiet is-socjeta attrici qatt ma rceviet ebda inkarigu mill-konvenut, ossija jekk inghata minnhu, dan sar flimkien ma' ohrajn illi ma humiex kompartecipi f'dawn il-proceduri, u ghalhekk jonqos l-integrita tal-gudizzju in kwantu jirrigwarda l-istess kontrotalba tal-konvenut;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kontrotalba tal-konvenut hija f'kull kaz bbazata fuq premessi infondati, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u jimmeritaw illi jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenut, stante illi ma huwiex minnhu illi s-socjeta attrici kienet, b'xi mod, responsabbli ghad-danni allegati mill-konvenut;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni hawn fuq sollevata, id-danni pretizi mill-konvenut huma, fi kwalunkwe kaz, immaginarji u eccessivi, kif jigi ppruvata aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza odjerna;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti, ir-rapport tal-perit tekniku u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta attrici ghal kontrotalba giet deciza fid-19 ta' Mejju 2005;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

L-azzjoni attrici hi bazata fuq hlas ghal appalt specifiku rigwardanti xogholijiet konnessi ma hanut gestit mill-konvenut fil-kumpless Dragonara. Il-konvenut waqt l-access li sar fil-21 ta' Marzu 2000 irreleva illi s-socjeta attrici kellha tezegwixxi xoghol ta' suffett fil-hanut u ta' dan intalab prezz esagerat u sar xoghol fuqu li ma giex mitlub, cioe istallazzjoni ta' light fittings ghax dawn kellhom isiru minn electrician iehor gia mqabbad. In oltre l-open shelving material imsemmi fl-invoice tas-socejta attrici Dok. GM1 (fol. 167) ma sarx minnha ghalkemm ma jafx min ghamlu. Fl-eccezzjonijiet ighid li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti pero waqt l-access ma jghid xejn fuq din il-kwistjoni.

Il-konvenut ghamel kontrotalba ghad-danni pero isemmi mhux biss ix-xoghol konness mal-hanut izda xoghol iehor fi flats tal-istess konvenut li ma kienx tal-kwalita pattwita u kellhom jitqabbdu haddiema ohra jirrangaw ix-xoghol u jikkompletaw xoghol li s-socjeta attrici naqset li tesegwixxi skond il-ftehim. In kwantu ghal hanut il-konvenut izid li minhabba l-inadempjenzi tas-socjeta attrici, il-hanut infetah in parti xahar tard u x-xogholijiet baqghu ghaddejjin ghal tlett xhur sakemm il-hanut infetah kollu. Izid illi tqabbad George Incorvaja biex jikkompleta jew jirranga n-nuqqasijiet tas-socjeta attrici. In kwantu ghal flats tqabbad Ronald Cachia biex jikkompleta x-xogholijiet bi spiza ta' Lm1,050.

**Eccezzjoni dwar l-insostenibilita tal-kontrotalba**

Din hi eccezzjoni preliminari li tqajmet mis-socjeta attrici in kwantu qed jigi allegat illi l-appalti tal-hanut u l-flats huma differenti minn xulxin u il-mertu tal-azzjoni attrici jikkoncerna biss il-hanut u l-inkarigu fuq il-flats sar mill-konvenut u terzi u hemm in-nuqqas ta' integrita tal-gudizzju.

Hu pacifiku illi l-appalt fuq il-hanut mertu tal-kawza attrici u l-appalt fuq il-flats fil-kontrotalba saru separatament. Pero l-istess direttur tas-socjeta attrici fit-tieni pagna tal-affidavit tieghu (fol. 254 tal-process) jiddikjara li fl-appalt mal-konvenut fuq il-flats

ftiehem mal-konvenut li jinstallalu sitt bibien four leaf ghal galleriji tal-faccata fl-24 ta' Frar 1997. Qabel cioe fil-1996 is-socjeta attrici kienet hadmet fuq appartamenti ohra tal-konvenut. Mill-affidavit jirrizulta illi r-relazzjoni tas-socjeta attrici kienet mal-konvenut ghalkemm ghamlet xi xogholijiet ghal membri ohra tal-familja tal-konvenut fl-istess blokk appartamenti.

Hu pacifiku fil-gurisprudenza illi l-elementi necessarji ghal rikonvenzjoni huma:
1. La comunanza di origine delle due cause ovvero;
2. Nella eliminazione reciproca della due domanda (ara f'dan is-sens Vol. XXVII Pt I pg 895 u aktar ricenti **Emanuel Stellini vs Maria Mercieca et**, Qorti Mag Ghawdex 05/07/2013).

F'dan il-kaz japplika t-tieni estrem ghall-validita tal-kontrotalba imressqa fis-sens illi t-talba ghad-danni allegatament subiti mill-konvenut fiz-zewg appalti ipacu jekk mhux igibu fix-xejn it-talba tal-hlas tas-socjeta attrici fuq wiehed mill-appalt jekk jigu pruvat d-danni.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-inammissibilita tal-kontrotalba qed tigi respinta.

**Kontrotalba tal-konvenut fuq ix-xogholijiet fil-flats ta' Qui-Si-Sana**

Il-Qorti ser tghaddi biex tqis qabel xejn din il-kwistjoni qabel tidhol fil-mertu tal-azzjoni u kontrotalba fuq il-hanut fil-kumpless Dragonara.

Min jallega jrid jipprova. Dan hu principju baziku tal-procedura civili fejn wiehed iressaq talba. Ghalkemm mhux car xejn mill-kontrotalba x'inhuma l-lanjanzi tal-konvenut fir-rigward tal-flats ta' Qui-Si-Sana ghax l-unika premessa cara li tirrizulta hi dwar nuqqas ta' adempiment tal-inkarigu u l-konsegwenti hlas lil terzi cioe Ronald Cachia ghat-tkomplija, il-Qorti ser tikkonsidra wkoll l-ipotesi generika fit-tieni premessa ta' nuqqas ta' kwalita pattwita u xoghol hazin.

Il-Qorti tirraviza illi l-konvenut ma gab ebda prova kwalsiasi ta' natura teknika dwar xoghol hazin fil-flats tieghu. Fil-fatt lanqas jirrizulta x'kien ix-xoghol li suppost is-

socjeta attrici kienet tqabdet taghmel u ghamlitlu u f'liema appartamenti kellu jsir dan ix-xoghol cioe jekk hux appartament proprjeta tieghu personalment jew kienx hemm terzi proprjetarji wkoll. Rigward l-allegazzjoni ta' dewmien il-konvenut isemmi biss illi s-socjeta attrici waqfet l-appalt u hu kellu jqabbad lil certu Ronald Cachia li hallsu erba cheques bejn l-ahhar ta' April u nofs Mejju 1997 cioe fiz-zmien meta l-konvenut jallega li s-socjeta attrici kienet ghadha tahdem fil-hanut. Pero hawn ukoll ma jirrizultax ezattament ghal x'hiex thallas Ronald Cachia u anqas ittella' Ronald Cachia jixhed dwar il-hlasijiet li saru lilu u r-raguni taghhom. Il-konvenut ighid biss li Ronald Cachia tqabbad jispicca x-xoghol li suppost spiccat is-socjeta attrici. Fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2006 ighid li Cachia irranga s-serratura tat-tieqa tad-double glazing. Anzi l-konvenut ikompli jkun aktar vag fix-xiehda u kontroezami meta fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2007 il-konvenut ighid illi dahlu fil-flat fl-2006 u x-xoghol kien lest kemm tas-socjeta attrici u Ronald Cachia, ghalkemm jahseb li s-socjeta attrici kienet ghadha tahdem fil-blokk ta' appartamenti. Ma hemm ebda ammissjoni tas-socjeta attrici dwar dawn l-allegazzjonijiet.

Il-Qorti tqis li dawn ir-rizultanzi bl-ebda mod ma jwassluha tikkonkludi illi l-konvenut ipprova fuq bazi ta' certezza ragonevoli li sofra danni kif allegati minnu ghal xi nuqqas da parti tas-socjeta attrici, liema nuqqas ma irrizultax mill-provi imressqa mill-konvenut.

Ghalhekk il-Qorti qed tichad il-kontrotalba tal-konvenut ghal dak li jirrigwarda l-appalt fl-appartamenti ta' Qui-Si-Sana.

**Talba attrici u kontrotalba fuq l-appalt tal-hanut f'kumpless Dragonara**

Ma harigx car mix-xhieda tal-konvenut ix-xoghol specifiku illi s-socjeta attrici tqabbdet taghmel fil-hanut ta' Dragonara ghalkemm jidher li kienu xogholijiet ta' soffit u xogholijiet ta' xkaffar tal-hgieg, ghalkemm f'xi zmien iddahhal certu George Incorvaja, mastrudaxxa biex jaghmel cupboards tal-injam li jikkumplimentaw ohrajn mixtrija mill-konvenut minghand terzi, ghalkemm lanqas jidher car mix-xiehda tal-konvenut u martu ezatt f'hiex kien jikkonsisti dan ix-xoghol, id-durata jew prezz. Ma jirrizultax car anqas meta kellu jinbeda l-appalt ghalkemm is-socjeta attrici hi cara li

x-xoghol inbeda fis-17 ta' Marzu 2007. Il-konvenut ma jiftakarx meta inbeda x-xoghol pero jghid li l-ftehim mis-socjeta attrici sar fl-ahhar tas-sena 2006, ghalkemm il-ftehim ta' kera ghal hanut mal-kumpanija li tmexxi l-hotel sar fl-ahhar ta' Jannar 2007 u qabel inbeda x-xoghol kellu jsir il-paviment u pavimentar quddiem il-hanut. Ma hemm ebda ftehim bil-miktub u anqas ingiebet prova ta' terminu tal-ikkompletar pero l-konvenut isostni li x-xoghol kellu jsir sal-1 ta' April 2007 meta hu kellu l-ftehim mad-Dragonara li din id-data li fiha tibda tiskatta l-kirja u kondizzjonijiet ohra relatati maghha.

Ma hemm ebda prova illi fil-fatt is-socjeta attrici intrabtet li tlesti l-appalt sal-1 ta' April 2007 u kull ftehim tal-konvenut mal-kumpanija li tmexxi d-Dragonara hu res inter alios acta l-ftehim mis-socjeta attrici. Fin-nuqqas ta' ftehim car il-Qorti tqis illi irid tara jekk l-agir tas-socjeta attrici fl-esekuzzjoni tal-appalt jitqies ragonevoli u jekk il-konvenut sofra xi dannu, dan jistax jigi b'xi mod attribwit lis-socjeta attrici.

Il-konvenut jilmenta minn xoghol hazin fl-appalt. Pero kull ma jirrizulta bhala allegazzjoni hi l-bulkhead tas-shutter fis-sens li s-shutter ma jinghalaqx tajjeb. Is-shutter ma sarx mill-kumpanija attrici u ghalkemm il-bulkhead sar mill-kumpanija attrici, ma jirrizultax li d-diffett fis-shutter hix kagun ta' nuqqas fil-manifattura tal-bulkheda jew l-istallazzjoni tas-shutter. Din il-prova trid issir mill-konvenut la darba qed jallega difetti fix-xoghol. Il-perit tekniku ma ikkonstata ebda nuqqas tas-socjeta attrici f'dan ir-rigward.

Il-konvenut jilmenta wkoll minn prezzijiet esagerati mitluba mis-socjeta attrici meta mqabbla ma' prezzijiet ta' elettriku li zammlu certu Abela. Ma jidhirx li sar ftehim a priori dwar prezzijiet. Fuq dan il-perit tekniku ghamel il-kostatazzjonijiet tieghu u anki fl-eskussjoni rega' ikkonferma li l-prezzijiet mitluba ghax-xoghol esegwit ma kienux esagerati ghax-xoghol imsemmi fl-invoice tas-socjeta attrici Dok. GM1 (fol. 167) u in oltre ma kien hemm ebda dupplikar ta' xogholijiet bejn is-socjeta attrici u dak tal-electrician Abela u anqas diskrepanza fil-prezzijiet fis-sens li dawk mitluba mis-socjeta attrici kienu esagerati. Il-Qorti ma ghandhiex il-kompetenza teknika u a skans ta' provi mod iehor, ser tistrieh fuq l-opinjoni tal-perit tekniku imqabbad minnha.

L-ahhar ilment tal-konvenut hu illi l-dewmien tas-socjeta attrici wasal ghal danni inkorsi mill-konvenut. Kif gia inghad ma kien hemm u ma irrizulta ebda ftehim li s-socjeta attrici kellha tlesti f'terminu jew zmien specifiku. Hu minnu illi l-konvenut kien obbligat jiftah sal-1 ta' April 2007 skond il-ftehim ta' kera li kellu mad-Dragonara. Is-socjeta attrici tishaq li hi lestiet sal-ahhar ta' April 2007. Jidher li fil-fatt nofs il-hanut infetah f'dak il-perjodu. Pero l-konvenut isostni li n-nofs l-iehor ma infetahx ghax il-cupboards ta' isfel ma kienux lesti u anqas is-soffit jew l-ixkafef tal-hgieg. Il-mastrudaxxa George Incorvaja jidher li tqabbad f'nofs April u dan skond ix-xhieda tieghu stess u beda jahdem lejn l-ahhar ta' April. Tqabbad biex jaghmel xi bibien tal-injam u cupboards tal-injam biex jikkomplimentaw cupboards ohra li kienu xtraw il-konvenut u martu ghal parti tax-xellug tal-hanut. Gie ingaggat mas-socjeta attrici pero thallas direttament mill-konvenut. L-istess Incorvaja jixhed li meta dahal jahdem, ghamel diversi xogholijiet bhal covers tal-airconditioners u l-bibien oltre l-cupboards. Dak iz-zmien kienu ghadhom qed isiru xogholijiet ta' hgieg mis-socjeta attrici. Nofs il-hanut cioe tax-xellug infetah meta dahal jahdem hu, u s-socjeta attrici ma kinitx qed tahdem fih.

Minn din ix-xiehda jidher illi l-konvenut ma jistax jilmenta minn dewmien da parti tas-socjeta attrici ghax f'ebda waqt ma jidher li s-socjeta attrici tqabbdet taghmel xogholijiet ta' cupboards tal-injam jew bibien izda biss xkaffar ta' hgieg u jekk sar xi xoghol iehor dan sar b'zieda ma' dak originarjament miftiehem. Fil-fatt Felix Mifsud, direttur tas-socjeta attrici fl-affidavit tieghu jghid li huma kellhom jaghmlu xkaffar tal-hgieg u aluminium izda billi l-konvenut xtara cupboards tal-injam ghal parti minn hanut kien jaghmel aktar sens li l-kumplament tal-hanut isir bl-injam ukoll u s-socjeta attrici tistalla biss l-ixkafef tal-hgieg ghal parti ta' fuq. Ma hemm ebda indikazzjoni ta' meta inxtraw il-cupboards tal-injam u meta s-socjeta attrici giet inkarigata issib mastrudaxxa izda hi l-fehma tal-Qorti illi la darba gie inkarigat mastrudaxxa fuq parir tas-socjeta attrici u dan thallas direttament mill-konvenut u jidher li dan kien l-ahhar xoghol li kellu jsir, ebda allegazzjoni ta' dewmien ma tista' tigi attribwita lis-socjeta attrici li zgur kienet lesta sal-ahhar ta' April meta beda x-xoghol il-mastrudaxxa fuq parti mill-hanut u dan dam xahar biex ikkompleta l-parti tieghu kif jixhed hu stess. Il-kont tas-socjeta attrici datat 2 ta' Mejju 2007 jindika li ma saru ebda xogholijiet oltre dik id-data. Anki l-worksheets tas-socjeta attrici ma jindikawx xogholijiet ohra fil-

hanut tal-konvenut wara April 2007. Pero hi l-fehma tal-Qorti li anki kieku s-socjeta attrici ghamlet xi finishing wara din id-data fil-parti tal-hanut li ma kinitx ghadha lesta ma jistax jisarraf f'dewmien ingustifikat ghal ikkompletar meta ma irrizultax data li fih kellu jibda u jispicca l-appalt u l-unika data certa hi dik tal-bidu tax-xoghol cioe 17 ta' Marzu 1997, u ikkompletar li sehh fl-ahhar ta' April u semmai b'xi finishing touches wara li spicca l-mastrudaxxa. Il-konvenut naqas li jipprova dannu li ghalih hemm konnessjoni diretta mal-ftehim mas-socjeta attrici.

In kwantu ghal xogholijiet li s-socjeta attrici ghamlet bla ma tqabdet, dan ma irrizultax mill-provi u anqas mill-kont tas-socjeta attrici li ghamlet xogholijiet konnessi mal-inkarigu u dak konsegwenzjali ghal tali xogholijiet bhal ikkompletar u twahhil ta' light fittings mas-soffitt. In oltre apparti li l-konvenut naqas li jidentifika liema xogholijiet ma kienx miftehma anki jekk saru ma spjegax kif ma ibbenefikax minnhom la darba kif ikkonkuda l-perit tekniku l-prezz tax-xoghol mitlub mas-socjeta attrici ma hux wiehed esagerat.

La darba l-Qorti tqis illi l-konvenut naqas li jipprova xi nuqqas fl-appalt kondott mis-socjeta attrici jibqa' biss it-talba attrici ghal hlas. Jirrizulta mill-affidavit ta' Felix Mifsud li s-socjeta attrici thallset akkont tlett ammonti cioe Lm1,000, Lm600 u Lm2,000 rispettivament imhallsa fit-2 ta' Marzu 1997, fid-19 ta' Marzu 1977 u 24 ta' April 1997, cioe wiehed qabel u tnejn waqt li beda jigi ezegwit l-appalt mis-socjeta attrici. Il-Qorti ma tqis li l-pagamenti ta' qabel dawn kellhom konnessjoni ma' dan l-appalt billi ma hemmx prova mod iehor hlief dik tas-socjeta attrici. Il-Qorti tqis difficli taccetta l-verzjoni li l-konvenut hallas is-somom relattivi ghal 1996 u 28 ta' Jannar 1997 bhala akkont tal-appalt billi l-ftehim ta' kera ghal hanut fi Dragonara Complex sehh fl-ahhar ta' Jannar 1997. Wara kollox il-prova tal-hlas tispetta lil konvenut li apparti li din il-prova ma saritx, l-istess konvenut jammetti li ghamel hlasijiet fuq xogholijiet ohra mhux konnessi cioe dawk konnessi mal-flats fi Qui-Si-Sana. Ghalhekk il-Qorti tqis illi mill-ammont dovut ta' Lm8,432.13 inkluz il-VAT trid titnaqqas is-somma ta' Lm3,600 akkont ta' dak dovut li jhalli bilanc ta' Lm4,832.13 cioe €11,255.84.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqa' u tiddeciedi billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici, tikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €11,255.84, bl-imghax jiddekorri mit-3 ta' Lulju 1997, data tal-ittra ufficjali u mandatiipprezentati kontestwalment mis-socjeta attrici; in kwantu ghal kontrotalba, il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-inammissibilta tal-kontrotalba imressqa mis-socjeta attrici, u fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet fil-mertu, tichad il-kontrotalba tal-konvenut.

L-ispejjez tat-talba u l-kontrotalba jithallsu mill-konvenuti hlief ghall-eccezzjonijiet tas-socjeta attrici dwar il-preskrizzjoni u l-inammissibilta tal-kontrotalba li ghandha tbatihom is-socjeta attrici.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur